MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 367/2008

**Leonara Azzopardi nee' Grech (I.D. no. 184479M)**

**Vs**

**Charles Tong (I.D. no. 507761M) u**
**Julie Fenech (I.D. no. 182593M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u tmenin Euro u tmintax-il centezmu (€1,682.18), seba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm722.16), rapprezentanti ammont dovut lilha mill-konvenuti in kwantu ghal elf, erba' mija u tlieta u tmenin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€1,483.81) rapprezentanti arretrati ta' kera ghax-xhur ta' Dicembru, 2007, Jannar, 2008 u Frar, 2008 relattiv ghall-kirja tal-fond 'Josyen', Triq it-Turisti kantuniera ma' Triq in-Nakkri, Qawra, St. Paul's Bay (Dok A) filwaqt li l-ammont ta' mija u tmienja u disghin Euro u seba' u tletin centezmu (€198.37) jirrapresentaw ammonti

dovuti lill-attrici ghall-kontijiet tad-dawl u l-ilma u l-kera tal-*meters* relattivi ghall-perjodu li jaghlaq fid-29 ta' Frar, 2008 senjatament id-data meta l-kirja tal-fond 'Josyen', Triq it-Turisti kantuniera ma' Triq in-Nakkri, Qawra, St. Paul's Bay giet terminata bil-kunsens tal-partijiet. Dawn l-ammonti huma dovuti mill-konvenuti lil-attrici a bazi ta' skrittura privata ta' kera datata 7 ta' Mejju, 2005.

Il-konvenut debitament interpellat anke permezz ta' ittra legali datata 8 ta' April, 2008 (Dok B) baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuti ihallsu is-somma ta' elf, sitt mija u tnejn u tmenin Euro u tmintax-il centezmu (€1,682.18), seba' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm722.16) bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------